**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2020**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 815/2018**

**BNF Bank p.l.c. gia Banif Bank (Malta) plc**

**Vs**

**Blues Ltd bhala l-kumpannija debitrici principali u Joseph Fenech Soler bhala garanti in solidum mal-kumpannija debitrici principali**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-3 ta' Awwissu 2018 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpannija esponenti hi Bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn isselief flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-kumpannija debitrici principali hi klijenta tal-kumpannija esponenti u hadet minghandha self relatat man-negozju taghha;

3. Illi dan is-self, koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 26 ta' Marzu 2012 (ara Dok. 'A') kien jikkonsisti f'Business Loan ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) u jirrigwarda il-Business Loan Account numru 5479704 mizmum mill-kumpannija debitrici principali mal-kumpannija esponenti;

4. Illi l-kumpannija debitrici principali naqset milli thallas lura dan is-self u fuq l-imsemmi Business Loan Account hemm dovut l-ammont ta' erbgha u hamsin elf, tlett mija u sebgha u hamsin ewro u erba' centezmu (€54,357.04), liema ammont jinkludi mghaxijiet ta' tmienja u ghoxrin elf, mitejn u tmien ewro u wiehed u disghin centezmu (€28,208.91) mahduma sas-17 ta' Lulju 2018 (ara Dok. 'B');

5. Illi minbarra dan is-self, il-kumpannija debitrici principali ghandha thallas lill-kumpannija esponenti s-somma ulterjuri ta' sebat elef, hames mija u wiehed u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€7,551.59) bl-imghaxijiet ta' hamsa u tletin ewro u disgha u erbghin centezmu (€35.49) inkluzi u mahduma sas-17 ta' Lulju 2018 (ara Dok. 'C'). Dan l-ammont jirraprezenta spejjez varji marbuta mal-Business Loan fuq imsemmi u jinsab dovut fuq Current Account numru 5479101 li l-kumpannija debitrici principali ghandha mal-kumpannija esponenti (ara Dok. 'D');

6. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-kumpannija debitrici principali lill-kumpannija esponenti sas-17 ta' Lulju 2018, kien ta' wiehed u sittin elf, disa' mija u tmien ewro u tlieta u sittin centezmu (€61,908.63);

7. Illi l-ammonti fuq imsemmija, saru dovuti fl-intier taghhom mill-kumpannija debitrici principali lill-kumpannija esponenti ai termini ta' klawsola 8(m) tal-Credit Agreement gja citat u dan ghax kif tistipula din l-istess klawzola, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:
a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility
b. The Borrower/ s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/ s may not perform all or any of the obligation/ s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility;

8. Illi d-debitu soppracitat, hu wkoll dovut mill-konvenut l-iehor Joseph Fenech Soler li in virtu ta' kuntratt datat 7 ta' Dicembru 2009, dahal bhala garanti solidali flimkien mal-kumpannija debitrici principali (ara Dok. 'E');

9. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsu d-dejn, fosthom permezz ta' ittra ufficcjali mahruga bin-numru 3621/2015 (ara Dok. 'F'), izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u kien propju ghalhekk li l-ftuh ta' din il-kawza sar necessarju;

10. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti;

11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, il-kumpannija esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tiddikjara li l-konvenuti saru, flimkien u solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €61,908.63; u

3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-kumpannija esponenti flimkien u solidalment bejniethom l-ammont komplessiv ta' €61,908.63;

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mit-17 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.
Il-bank charges u fees qed jintalbu, kwantu d-dejn kollu, ai termini tal-Credit Agreement msemmi f'din il-kawza u markat Dok. 'A' u kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi biss, wkoll ai termini tat-Tariff of Charges relattivi ghall-Current accounts (ara Dok. 'G'), liema Tariff of Charges tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti appena l-hlas ma baqax ghaddej kif miftiehem originarjament bejn il-Partijiet.
L-imghaxijiet qed jintalbu
1. bir-rata ta' hdax punt tnejn hamsa fil-mija (11.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Business Loan Account fuq msemmi u dan ai termini tal-klawsoli 5 u 8(r) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'l fuq, u
2. bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi u dan ai termini tat-Tariff of Charges markata Dok. 'G' u imsemmiha aktar 'l fuq (ara marker bl-ahdar fuq Dok. 'G').

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

I. Illi, in linea preliminari, jispetta unikament lill-bank attur illi jressaq prova cara u skond il-ligi li sehhet l-event of default, kif allegat minnu fir-rikors guramentat promutorju, u li tali event of default taghtih il-jedd illi jitlob il-hlas immedjat tal-ammont mitlub minnu fl-istess rikors guramentat promutorju;

II. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-garanzija esebita bhala Dok. E mar-rikors guramentat promutorju, u li abbazi taghha l-bank attur qieghed jippretendi li l-esponent Joseph Fenech Soler huwa responsabbli bhala garanti solidali flimkien mal-esponenti Blues Limited, ma ghadhiex valida billi, filwaqt illi tali garanzija giet iffirmata nhar is-7 ta' Dicembru 2009, l-ewwel interpellanza gudizzjarja li invokat tali garanzija saret permezz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2015, ezebita bhala Dok. F, ossija oltre minn hames snin wara d-data tal-iffirmar tal-istess garanazija, u dan f'cirkostanzi fejn gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna illi skrittura privata tista' tkun valida biss sa massimu ta' hames snin u, jekk ghandha tkun valida ghal aktar minn hekk, ghandha ssir b'att pubbliku ad validitatem;

III. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-bank attur huwa ferm eccessiv, u jikkomprendi fih somom sostanzjali ta' imghax in eccess mill-limitu massimu impost mil-ligi u/jew imghaxijiet komposti, charges, fees u ammonti ohrajn simili, li mhumiex dovuti mill-esponenti u/jew li gew mizjuda mill-bank attur mal-obbligazzjonijiet principali bi ksur, fost ohrajn, tad-disposizzjonijiet tal-Artikli 986(2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont, fost ohrajn, illi:

a) L-ammont pretiz jikkomprendi somom li qatt ma gew avvanzati mill-bank attur lill-esponenti;
Fil-fatt, paragrafu hamsa (5) tar-rikors guramentat promutorju jghid testwalment: "Illi minbarra dan is-self, il-kumpannija debitrici principali ghandha thallas lill-kumpannija esponenti s-somma ulterjuri ta' sebat elef, hames mija u wiehed u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€7,551.59) bl-imghaxijiet ta' hamsa u tletin ewro u disgha u erbghin centezmu (€35.49) inkluzi u mahduma sas-17 ta' Lulju 2018 (ara Dok. 'C'). Dan l-ammont jirrapprezenta spejjez varji marbuta mal-Business Loan fuq imsemmi u jinstab dovut fuq il-Current Account numru 5479101 li l-kumpannija debitrici principali ghandha mal-kumpannija esponenti (ara Dok. 'D')", ossija ammissjoni cara li s-somma ta' €7,551.59 qatt ma giet avvanzata mill-bank attur lill-esponenti bhala self jew b'mod iehor;

b) L-ammont pretiz jikser ir-regola tal-ultra duplum
Fil-fatt, paragrafu erbgha (4) tar-rikors guramentat promutorju jghid testwalment: "Illi l-kumpannija debitrici principali naqset milli thallas lura dan is-self u fuq l-imsemmi Business Loan Account hemm dovut l-ammont ta' erbgha u hamsin elf, tlett mija u sebgha u hamsin ewro u erba' centezmu (€54,357.04), liema ammont jinkludi imghaxijiet ta' tmienja u ghoxrin elf, mitejn u tmien ewro u wiehed u disghin centezmu (€28,208.91) mahduma sas-17 ta' Lulju (ara Dok. 'B')", ossija kapital ta' €26,148.13 u imghaxijiet fuq tali kapital ta' €28,208.91, bi ksur lampanti tar-regola tal-ultra duplum;
Iz-zewg punti suesposti flimkien ifissru illi, fuq ammissjoni tal-bank attur stess, ferm aktar minn nofs l-ammont ta' €61,908.63 mitlub fir-rikors guramentat promutorju, ossija l-ammont ta' €35,760.50, jikkonsisti f'somom li qatt ma gew avvanzati mill-bank attur lill-esponenti, u li huwa biss l-ammont ta' €26,148.13 li, skont l-istess bank attur, ghadu allegatament dovut mill-esponenti bhala kapital;

c) L-ammont pretiz jikkomprendi imghaxijiet eccessivi
Kif jirrizulta mill-ittra ufficjali tat-30 ta’ Ottubru 2015, esebita bhala Dok. ‘F’ mar-rikors guramentat promutorju, il-kapital allegatament dovut lill-bank attur dak inhar kien jammonta ghal €28,058.65 in kwantu jirrigwarda l-loan account, u €4,010.59 in kwantu jirrigwarda l-current account - li, kif gia inghad, ma huma xejn ghajr "spejjez" li l-bank attur impona fuq l-esponenti - u ghalhekk total ta' €32,069.24;
Minn naha l-ohra, l-ammont pretiz mill-bank attur fir-rikors guramentat promutorju, bl-imghaxijiet sas-17 ta' Lulju 2018, huwa ta' €61,908.63;
L-uniku mod kif is-somma ta' €32,069.27 - li gia tinkludi €4,010.59 bhala "spejjez", u mhux kapital - tista' titla', bejn it-30 ta' Ottubru 2015 u s-17 ta' Lulju 2018, ghas-somma ta' €61,908.63, huwa billi tapplika rata ta' imghax ta' 34.24%, ossija €29,839.36 imghax fuq medda ta' 992 gurnata fuq "kapital" ta' €32,069.24;
Is-suespost qieghed jinghad tenut kont tal-fatt illi, wara t-30 ta' Ottubru 2015, il-bank attur ma avvanza l-ebda flejjes lill-esponenti, u li l-ammont tela' ghal €61,908.63 wara li l-bank attur impona imghaxijiet, charges, fees, u dak kollu li huwa deherlu li kellu jimponi, taht liema kappa jrid, b'mod mill-aktar arbitrarju u abbuziv;
Ir-rata msemmija ta' 34.24% hija ben oltre z-zewg rati citati mill-bank attur fir-rikors guramentat promutorju, ossija r-rata ta' 11.25% abbazi tal-iskrittura privata tas-26 ta' Marzu 2012 - li gia hija illegali - u r-rata ta' 10% abbazi tat-Tarrif of Charges esebita bhala Dok. ‘G’ mal-istess rikors guramentat promutorji, li wkoll hija illegali u li qatt ma giet iffirmata mill-esponenti;

IV. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-meritu, fic-cirkostanzi suesposti, irid jigi ppruvat li gew avvanzati lill-esponenti s-somom pretizi mill-bank attur, irid jigi ppruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn il-bank attur u l-esponenti, u jrid jigi pruvat x'servizzi gew rezi mill-bank attur lill-esponenti;
F'dan il-kuntest, irid jigi stabbilit ukoll kif gew applikati l-pagamenti li gew effettwati matul is-snin mill-esponenti Blues Limited, ossija jekk tali pagamenti gewx applikati, mill-bank attur, akkont ta' imghaxijiet eccessivi u/jew ta' charges, fees, u ammonti ohrajn simili;

V. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-esponenti mhumiex debituri tal-bank attur fl-ammont mitlub fir-rikors guramentat promutorju, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

VI. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

B'nota a fol. 48 tal-process l-atturi rriducew l-imghax ta' €28,208.91 fuq Busniess Loan Account 5479704 b' €12,388.76 ghal €15,820.15 kalkolati sas-17 ta' Lulju 2018 ghalhekk l-ammont dovut fuq dana l-account huwa ta' €41,968.28 (ara Dok. H a fol. 49) waqt li l-ammont totali tal-kawza (meta tghodd €7551.59 Dok. AF1 fol. 103) jinzel ghal €49,519.87. Dan oltre l-imghaxijiet, bank charges u fees kwantu ghas-somma li ghadha dovuta u l-ispejjez legali.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Alfred Ferrante ghal BNF Bank ipprezenta is-segwenti dokumenti:

-Statement tal-Current Account 547910001 sa mill-bidu Dok. AF1 a fol. 64 sa 104.
-Statement tal-Loan Account 547970003 Dok. AF2 a fol. 104 - Il-bilanc gie trasferit gol Current Account. Dan il-bilanc imbaghad gie trasferit go Loan Account numru 547970004 imsemmi fir-rikors guramentat (ara statement Dok. H).
-Lista ta' dokumenti Dok. AF3 sa AF10 a fol. 106 et seq li juri li l-konvenut Joseph Fenech Soler ilu shareholder u direttur tal-kumpanija konvenuta matul il-perjodu kollu meta gie koncess is-self ( a fol. 108 sa 144).
-Dok. AF11 li juri li l-konvenut kien juza safe deposit box (a fol. 145)

Alfred Ferrante, Manager Credit Recoveries Unit, xehed li Blues Ltd kienet kljenta taghhom. Kellhom overdraft li ma kienx qed jopera sew u ghalhekk qablu fil-26/3/2012 li jsir credit agreement (a fol. 7) biex id-dejn jigi ristrutturat. L-ammont kien ta' €35,300. Dawn ma kienux flus godda imma restructuring. Minn 30/4/2012 sa llum, minn 27 monthly instalments thallsu biss tmienja. Ghalhekk kien hemm default skont il-credit agreement. Kien hemm garanzija tad-direttur tal-kumpannija. Il-facilita llum spiccat. Billi kien hemm default (ara fol. 12 Events of Default) l-imghax huwa ta' 11.25% skont klawzola 5 flimkien ma' klawzola 8R (a fol. 10) Dan huwa simple interest u mhux compound. Bir-riduzzjoni li saret fl-imghaxijiet dawn illum huma anqas mill-kapital. Fuq il-loan account ma hemmx charges billi jkun hemm standing order fil-current account u jekk ikun hemm charges dawn jigu riflessi fil-current account. Il-current account kien overdrawn qabel ma saret il-kawza b'€7,551.59. Meta klijent jaghmel repayment l-ewwel li jinqata' jkun l-imghax imbaghad il-kapital. Jigifieri li fis-somma ta' €7,551.59 hemm ir-repayments li marru gol-loan account li jinqasmu bejn imghax u kapital. Kien hemm standing order ta' life policy li kienet pledged biex taghmel tajjeb ghall-istess loan. Dawn huma spejjez in konnessjoni mal-business loan skont il-credit agreement. L-unici charges li kien hemm huma €250 numru ta' pagamenti fuq safe deposit box u ghaxar charges ta' €15-il wiehed dwar l-istanding orders li ma ghaddewx. Ma kienx hemm charges ohra li ma kienux kontemplati fil-credit agreement. L-interessi ordinarji jinsabu taht klawzola 5; dawk over and above, qeghdin f'klawzola 8R meta jkun hemm default u dawn huma simple interest. Ir-repayments jigu ddebitati mill-current account u jigu kreditati fil-loan account, l-ewwel jinqata` l-imghax imbaghad il-kapital. L-imghax fuq il-current account huwa ta' 10%. L-ahhar depozitu li sar mill-klijent kien fit-18 ta' Novembru 2013.

Saru diversi tentativi biex tinsab soluzzjoni izda ma waslux. L-ammont mitlub kif ridott ghadu dovut. Il-facilita kienet inghatat meta Joseph Fenech Soler kien dejjem direttur u shareholder u qatt ma oggezzjona ghal continuing effect tal-garanzija. Fil-current account il-Bank jaghmel dawn it-transfers minn jeddu u d-depoziti jsiru wara imma l-konvenuti kienu naqsu mir-repayments dovuti.

Fuq kontroezami wiegeb li dwar l-ammont ta' €7,551.59. kien hemm zewg pagamenti ta' insurance policy ta' €622.02; sitt pagamenti ta' life policy biex taghmel tajjeb ghal

loan account; u spejjez zghar dwar avvizi. Kien hemm loan repayments ta' €4,045.77. Fuq overdraft l-imghax ighaddi darba fix-xahar. Il-klijent jaqbillu ikollu bilanc pendenti fuq overdraft ghax ikun qed jigi ccargjat imghax aktar baxx minn loan account.

Fil-2012 kien infetah il-kont 547970004 Loan Account li kien hallas id-dejn li kien hemm fuq Loan Account 547970003. Sar il-credit agreement. L-overdraft huwa l-kapital u sabu sistema ta' pagament. Originalment il-kapital kien ta' €35,300.

Joseph Fenech Soler xehed li dwar ir-responsabilita personali tieghu ghall-hlas ta' dan id-dejn, tant ghadda zmien li ma jiftakarx li kien iffirma tali garanzija, ghalkemm ma jeskludix li dan kien sar. Kien sar restructuring tad-dejn fil-2012 u s-somma dovuta kienet ta' circa €35,000. Fl-2016 il-bank kien baghat ghalih biex tigi rikonoxxuta formalment is-somma dovuta. Dak iz-zmien il-bank semmielu s-somma ta' €70,000 izda huwa oggezzjona ghax is-somma kienet eccessiva meta l-bank ma kienx avvanza ebda flejjes ohra. Is-somma kienet irdoppjat f'temp ta' erba snin minhabba imghaxijiet u charges. It-trattattivi kienu waqfu hemm. Fl-2018 il-bank ipproceda kontra tieghu u l-kumpannija ghas-somma ta' €62,000.00 li xorta kienet somma eccessiva fil-fehma tieghu.  Waqt li kienet ghaddejja l-kawza s-somma giet ridotta ghal €49,519.87. Ghalhekk hu kellu ragun li jopponi t-talba ta' €70,000. Ghalhekk ma ghandux jehel l-ispejjez tal-kawza.

Fuq kontroezami wiegeb li hu kien qed jikkontesta l-mod kif gew mahduma l-imghaxijiet. Ma jiftakarx meta hu ghamel l-ahhar pagament. Ma jiftakarx x'kienu it-termini tal-credit agreement fuq l-imghax. Hu jikkonferma li kien iffirma credit agreement. Jikkonferma li kien iffirma garanzija mal-bank.

Jane Mifsud xehdet li kienet impjegata mal-bank attur bhala administrative officer assenjata mal-Credit Recoveries Department. Hi kienet tikkuntattja lill-konvenut kemm bl-email kif ukoll bit-telefon dwar dejn li kien ilu pendenti s-snin. Wara diversi talbiet, fil-2016 il-bank beda trattativi mal-konvenuti biex jinstab mezz kif jithallas dan id-dejn.  Kienet infurmat lill-konvenuti li d-dejn kien jammonta ghal €41,354.48 u dan kien qabel u kien hemm qbil bejn il-partijiet li jsir kuntratt ta' kostituzzjoni tad-debitu ghal dana l-ammont. Kienet ikkuntattjat lin-Nutar Tonio Cachia biex ihejji l-kuntratt

(ara Dok. H a fol. 180). In-Nutar kien baghtilha l-abbozz (Dok. I a fol. 185), li hi ghaddiet lill-konvenuti. Sa meta tlesta l-abbozz l-ammont zdied ghal €44,546.62 minhabba l-imghax u charges tal-bank li lahqu akkumulaw. Il-konvenuti la hallsu u lanqas ressqu ghal kuntratt. Il-bank baqa' jigri warajhom (Dok. J a fol. 190). L-ispejjez tal-bank batihom il-bank (Dok. K a fol. 197) u ghad irid jigi rimborsat.

In kontroezami cahdet li l-bank kien qed jippretendi hlas ta' kwazi €70,000.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-somma li qed titlob is-socjeta attrici, wara li rriduciet l-ammont ta' imghax wara l-prezentata tal-kawza, huwa ta' €49,519.87.

Il-konvenuti qed jikkontestaw it-talba attrici billi jsostnu li l-ammont mitlub bhala sorte huwa eccessiv minhabba somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu impost mil-ligi, charges, fees u ammonti ohrajn simili, bi ksur tal-Artikoli 986(2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 tal-Kapitolu 16.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li mhemmx kontestazzjoni fuq il-kapital mertu tat-talba attrici. Fil-fatt hemm qbil li bhala kapital hemm dovut l-ammont ta' €26,148.13. Li huwa kontestat huma l-imghaxijiet fl-ammont ta' €15,820.15 (ammont ridott b'nota a fol. 48) u l-ammont ta' €7,551.59 bhala charges etc.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ammont pretiz jikser ir-regola tal-ultra duplum ghax fuq kapital ta' €26,148.13 qed jintalab imghax ta' €28,208.91. Illi wara r-riduzzjoni tal-imghaxijiet ghal €15,820.15 bin-nota fuq imsemmija, dina l-eccezzjoni ma ghadhiex tiswa.

Il-konvenuti jissottomettu li irid jigi ppruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn il-bank attur kif ukoll kif gew applikati l-pagamenti li gew effettwati matul is-snin mill-esponenti Blues Limited, u jekk tali pagamenti gewx applikati mill-bank akkont ta' imghaxijiet eccessivi u/jew ta' charges, fees, u ammonti ohrajn simili.

Jirrizulta mill-provi li fil-26/3/2012 wara li l-konvenuti kienu naqsu mill-pagamenti kien sar credit agreement (ara fol. 7) biex id-dejn jigi ristrutturat. F'dan l-agreement kien hemm il-kondizzjonijiet li jorbtu lill-partijiet inkluz l-imghax, ic-charges, il-fees u l-garanzija. Il-konvenut Fenech Soler fil-Qorti kkonferma li kien iffirma l-credit agreement kif ukoll iffirma garanzija mal-bank (Dok. E a fol. 18). Hu gharaf il-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti.

L-interessi ordinarji fuq il-Business Loan jinsabu taht klawzola 5 bir-rata ta' 11.25% per annum. Meta jkun hemm default (ara fol. 12 Events of Default) l-imghax joghla skont klawzola 5 abbinata ma' klawzola 8R (a fol. 10).

Il-konvenuti wiegbu li s-socjeta attrici trid tipprova li kien hemm default min-naha tal-konvenuti.

Ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici xehdu li l-konvenuti kienu qed jonqsu mill-pagamenti fuq l-accounts taghhom u l-ahhar depozitu li sar minnhom kien fit-18 ta' Novembru 2013. Huma jsostnu li sehhew aktar minn event wiehed ta' default u rreferew ghad-dokument Events of Default u senjatament

a. default in payment
b. committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings
n. Any other event that he might not perform;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu in default billi waqfu mill-pagamenti. Minn 27 instalments huma ghamlu 8 pagamenti biss u l-ahhar pagament sar fit-18 ta' Novembru 2013 kif jirrizulta mill-istatements bankarji Dok. AF1 u 2. Ghalhekk il-konvenuti kienu in default u s-socjeta attrici kellha kull dritt li titlob minghand l-intimati l-hlas immedjat tas-somma kollha dovuta bl-imghax.

Is-socjeta attrici kienet intitolata li ticcargja rata oghla minhabba dan in-nuqqas fil-pagamenti kif miftiehem bejn il-partijiet. Il-bank attur fir-rikors guramentat tieghu ippremetta li l-imghaxijiet qed jintalbu:

1. bir-rata ta' 11.25% fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Business Loan Account ai termini tal-klawsoli 5 u 8(r) tal-Credit Agreement.

2. bir-rata ta' 10% fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Current Account ai termini tat-

Tariff of Charges markata Dok. G a fol. 30.

Alfred Ferrante xehed li meta klijent jaghmel repayment l-ewwel li jinqata' jkun l-imghax imbaghad il-kapital. L-imghaxijiet fuq pagamenti li saru gew kalkolati fuq imghax semplici kif miftiehem bejn il-partijiet.

Il-konvenuti jsostnu li l-ammont mitlub fih somom sostanzjali ta' imghax in eccess mill-limitu massimu impost mil-ligi, bi ksur tal-Artikoli 986(2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 tal-Kapitolu 16.

B'referenza ghar-rata ta' imghax mitluba inkwantu hija oghla minn tmienja fil-mija (8%) issir referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 – Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta' Mghax (Avviz Legali 142 tal-2009) senjatament ghar-regolament numru hamsa li jipprovdi:

> Minkejja kull haga ohra li tinsab f'kull ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2 (Regolament 2(b) applikabbli ghal dan il-kaz) jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li ghandha tithallas fuq depoziti mizmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistghu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilita ta' kreditu ohra kif ukoll fil-hrug ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu.

Ghalhekk il-bank kien intitolat li jiccargja imghax oghla mill-8%.

Dwar l-is-somma ta' €7,551.59 ghal charges, fees etc (Dok. C a fol. 15) il-konvenuti jsostnu li ammont pretiz qatt ma gie avvanzat mill-bank attur lill-esponenti.

Is-socjeta attrici taqbel li dina mhijiex somma avvanzata lill-konvenuti imma huma spejjez in konnessjoni mal-business loan skont il-credit agreement iffirmat bejn il-partijiet.

Il-bank ippremetta fir-rikors guramentat tieghu li charges u fees qed jintalbu, kwantu d-dejn kollu, ai termini tal-Credit Agreement u kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account ai termini tat-Tariff of Charges relattivi ghall-Current accounts (ara Dok. G fol. 30), liema Tariff of Charges tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti appena l-hlas ma' baqax ghaddej kif miftiehem originarjament bejn il-partijiet.

Jirrizulta mill-provi li fis-somma ta' €7,551.59 hemm ir-repayments li marru gol-loan account li nqasmu bejn imghax u kapital. Ir-repayments gew addebitati mill-current account u gew ikkreditati fil-loan account. Kien hemm standing order ta' life policy li kienet pledged biex taghmel tajjeb ghall-istess loan. Kien hemm pagamenti ta' insurance policy u spejjez zghar dwar avvizi. Kien hemm charges ta' €250 ghal numru ta' pagamenti fuq safe deposit box u charges ohra dwar l-istanding orders li ma ghaddewx. Ic-charges kollha kienu kontemplati fil-credit agreement (ara Dok. AF1 fol. 64 et seq).

Ghalhekk it-talba ghal dan l-ammont hija gustifikata u ma saret ebda kontestazzjoni specifika fuq l-items appena msemmija.

Dwar t-talba tas-socjeta attrici biex d-debitu jaghmel tajjeb ghalih ukoll Joseph Fenech Soler personalment bhala garanti solidali in virtu ta' kuntratt datat 7 ta' Dicembru 2009, (ara Dok. E a fol. 18), il-konvenut wiegeb li l-garanzija giet iffirmata fis-7 ta' Dicembru 2009 u l-interpellazzjoni b'ittra ufficjali saret fit-30 ta' Ottubru 2015 (Dok. F) wara l-hames snin ghal validita ta' skrittura privata.

Jirrizulta mill-provi li l-facilita kienet inghatat meta Joseph Fenech Soler kien dejjem direttur u shareholder u huwa qatt ma oggezzjona li l-garanzija tibqa' in vigore anke meta sar il-credit agreement. A fol. 9 fil-ftehim tas-26 ta' Marzu 2012 ffirmat mis-socjeta rikorrenti u Blues Limited, klawzola 7(i) a fol. 9 taht Security Held jinghad is-segwenti:

> Joint & Several Personal guarantee of Mr. Joseph Fenech Soler (ID Card No.683649M) for the sum €58,410 (Fifty-eight thousand four hundred and ten euro) to replace existing one.

Dwar il-preskrizzjoni li jsemmu l-konvenuti, jekk effettivament hemm preskrizzjoni f'dan il-kaz, din giet interrotta meta l-konvenut Fenech gharaf l-obbligu tieghu u deher ghal kumpanija u bhala debitur solidali fuq il-credit agreement Dok. A u tah il-kunsens tieghu. Inoltre l-ahhar pagament li sar mill-konvenuti kien fit-18 ta' Novembru 2013 u ghalhekk ma ghaddewx aktar minn hames snin mill-garanzija moghtija fis-7 ta' Dicembru 2009 u lanqas bejn id-data tal-credit agreement u n-notifika tal-ittri ufficjali (ara artikolu 2134 tal-Kap. 16). Fil-fehma tal-Qorti f'dan ir-

rigward japplika ukoll l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 billi l-konvenut fl-ebda mument ma ha gurament biex jghid li mhux debitur jew ma jiftakarx jekk il-haga giet imhallsa.

Ghalhekk il-konvenut Joseph Fenech Soler personalment huwa solidalment responsabili ghas-somma mitluba abbazi tal-ftehim bejn il-partijiet u tal-artikoli 1937 u 1941 tal-Kap. 16.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenuti qed tigi michuda.

Il-konvenuti jissottomettu wkoll li ma ghandhomx jehlu l-ispejjez tal-kawza ghax kellhom ragun li jikkontestaw l-bilanc li l-bank kien qal li hu dovut.

Il-bank attur kien baghat ittra ufficjali fit-30/10/2015 (Dok. F a fol. 26) fejn talab lill-konvenuti jhallsu is-somma ta` €36,042.79.

Il-konvenut Fenech Soler xehed li fil-2016 il-bank kien baghat ghalih biex jirkonoxxi formalment is-somma dovuta lill-bank. Dak iz-zmien il-bank semmielu s-somma ta' €70,000 izda huwa oggezzjona ghax is-somma kienet eccessiva.

Is-socjeta attrici kkontestat din x-xiehda u kienet ressqet xhud li kkonfermat li meta kienu baghtu ghal konvenut biex jirrikonixxi il-bilanc li kien dovut ma ssemmietx is-somma ta' €70,000 izda s-somma ta' €41,354.48. Jane Mifsud xehdet li kienet infurmat lill-konvenuti li d-dejn kien jammonta ghal €41,354.48 u kien hemm qbil bejn il-partijiet li jsir kuntratt ta' kostituzzjoni tad-debitu ghal dana l-ammont. Hi kienet ikkuntattjat lin-Nutar Tonio Cachia biex ihejji l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (ara Dok. H a fol. 180). In-Nutar kien baghtilha l-abbozz (Dok. I a fol. 185), li hi ghaddietu lill-konvenuti. Sa meta tlesta l-abbozz l-ammont zdied ghal €44,546.62 minhabba l-imghax u charges tal-bank li lahqu akkumulaw. Il-konvenuti pero ma resqux ghall-kuntratt.

Meta l-bank attur ressaq il-kawza odjerna fil-2018 il-bank talab is-somma ta' €61,908.63 izda fil-mori tal-kawza s-somma giet ridotta ghal €49,519.87.

Illi fil-fehma tal-Qorti mid-dokumenti ezibiti minn Jane Mifsud jirrizulta li fil-2016 il-bank ma kienx talab is-somma ta' €70,000 lill-konvenuti izda €41,354.48. Fil-2018 il-bank fir-rikors guramentat talab is-somma ta' €61,908.63 li imbaghad fil-mori tal-kawza giet ridotta ghal €45,519.87. Ghalhekk il-bank attur ghandu jehel parti mill-ispejjez ta' dina l-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici ghas-somma ta' €49,519.87 u tikkundanna lill-konvenuti sodilament bejnithom ihallsu din is-somma. Bl-imghaxijiet mis-17 ta' Lulju 2018 sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez jithallsu kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuti solidalment bejnithom u kwart mill-bank attur.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur